# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/1612

## tal-25 ta' Ottubru 2018

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 [1] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi.

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu sal-31 ta' Ottubru 2019.

(3) Hija disponibbli informazzjoni ta' identifikazzjoni addizzjonali dwar persuna fiżika waħda.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Ottubru 2019.".

*Artikolu 2*

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BOGNER-STRAUSS

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1763 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi (ĠU L 257, 2.10.2015, p. 37).

*ANNESS*

Fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763, l-entrata 3 taħt l-intestatura "Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 1 u 2" hija sostitwita b'li ġej:

| | Isem | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet għad-dežinjazzjoni |
|---|---|---|---|
| "3. | Mathias/Joseph NIYONZIMA<br>magħruf ukoll bħala KAZUNGU | Data tat-twelid: 6.3.1956; 2.1.1967<br>Post tat-twelid: Komun ta' Kanyosha, Mubimbi, Provinċja ta' Bujumbura Rurali, Burundi<br>Numru ta' reġistrazzjoni (SNR): O/00064<br>Nazzjonalità Burundjana. Numru tal-passaport: OP0053090 | Uffiċjal fis-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali. Responsabbli li fixkel it-tfittxija għal soluzzjoni politika fil-Burundi billi inċita l-vjolenza u atti ta' repressjoni waqt il-protesti li bdew fis-26 ta' April 2015 wara li tħabbret il-kandidatura presidenzjali tal-President Nkurunziza. Responsabbli li għen iħarreġ, jikkoordina u jarma lill-milizzji paramilitari Imbonerakure, inkluż barra l-Burundi, li huma responsabbli għal atti ta' vjolenza, repressjoni u abbużi serji kontra d-drittijiet tal-bniedem fil-Burundi." |